C/2024/2208

18.3.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11446 - TÖNNIES HOLDING / CERTAIN VION BUSINESSES)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/2208)

1. Fit-8 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Tönnies Holding ApS & ampCo. KG ("Tönnies", il-Ġermanja),

— ċerti assi li bħalissa huma miżmuma minn Vion Beef Süd GmbH, Vion Altenburg GmbH, Vion Convenience GmbH, u Ahlener Fleischhandel GmbH ("Assi fil-Mira", il-Ġermanja).

Tönnies se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-Assi fil-Mira kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Tönnies hija attiva prinċipalment fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, speċjalment fir-rigward tal-qtil u t-tnaqqix tal-laħam kif ukoll il-manifattura ta' prodotti tal-laħam ġewwa u barra miż-ŻEE,

— l-Assi fil-Mira huma prinċipalment attivi fil-qatla tal-bhejjem tal-ifrat u l-bejgħ taċ-ċanga, l-irfinar tal-perżut kif ukoll il-manifattura ta' prodotti tal-laħam fiż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11446 - TÖNNIES HOLDING / CERTAIN VION BUSINESSES

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË